MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 302/2013

Il-Pulizija

vs

**Mark Pillow**

iben Henry , imwieled Sliema, fid-19 ta' Jannar, 1966, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 37766(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Mark Pillow quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xahar ta' Frar 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Giovanna Gauci u jew/ lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt, bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is- somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Gunju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hatu u kkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Mark Pillow minnu pprezentat fis-26 ta’ Gunju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-parti tal-htija, thassar u tirrevoka il-parti tas-sentenza fejn ikkundanatu ghal gimgha detenzjoni u taghti piena aktar moderata u idonea ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-aggravju jikkonsisti mill-fatt li bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-piena kienet harxa wisq tenendo conto tal-fatti tal-kaz odjern.

Illi huwa minnu li l-appellant naqas milli jghaddilha l-manteniment izda hi stess taf li bil-kemm ghandu mezzi finanzjarji sabiex imantni lilu nnifsu.

Illi inoltre l-appellant ghamel minn kollox biex jintlahaq ftehim fir-rigward ta’ dawn l-arretrati ta’ manteniment.

Illi l-appellant qieghed jaghmel minn kollox biex jirratifika s-sitwazzjoni li jinsab fiha bhalissa u fil-fatt anke inizzja proceduri fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) biex jirrimedja s-sitwazzjoni tieghu.

Illi ghalhekk detenzjoni f’dan il-kaz, mhux ha ssolvi l-problema fir-rigward tal-manteniment arretrat stante li l-appellant ser jispicca jitlef ix-xoghol.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

L-appellant jixtieq li bl-akbar umilta' jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss l-erogazzjoni tal-piena minn l-ewwel Qorti.

Illi bil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2014 il-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut skont l-akkuza. Minbarra dan, il-parte civile nfurmat lill-Qorti li ntlahaq ftehim globali biex kawzi bhal dawn ma jerghux jigru.

Illi minhabba dan il-fatt din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell ta' Mark Pillow ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-htija ta' l-appellant. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena ta' gimgha detenzjoni u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------